# IL-ĦAKMA FRANĊIŻA U S-SIĠĠIEWI (1798 - 1800)

George Cassar

L-aħħar snin tal-ħakma ta' l-Ordni fuq Malta kienu snin diffiċli mhux biss għall-Kavallieri ta' San Ġwann stess, imma wkoll għall-Maltin, sudditi tagħhom. L-Ordni kien qed ibati min-nuqqas ta' finanzi, minn laxkezza fil-prinċipji li kienu ggwidawh għal sekli sħaħ, u minn diżgwit intern bejn il-membri stess. Il-Maltin kienu qed iħossu l-konsegwenzi ta' gvern li ma kienx baqagħlu x'joffri lill-poplu u li d-djufija tiegħu kien qed ibatiha kulħadd, min b'mod u min b'mod ieħor. Biex aktar tgħarraq is-sitwazzjoni fl-1789 faqqet ir-Rivoluzzjoni Franċiża li, konsegwenza tagħha, l-Ordni tilef il-ġid li kellu fi Franza. Il-mexxejja ġodda rivoluzzjonarji Franċiżi ma kinux jirrikonoxxu n-nobiltà u għalhekk ma ħasbuha xejn biex jaħtfu l-artijiiet u proprjetà tal-Ordni ġewwa pajjiżhom.[1]

Kien f'dan ix-xenarju li fid-9 ta' Ġunju 1798 il-flotta Franċiża fi triqtha lejn l-Eġittu, taħt il-kmand tal-Ġeneral Napuljun Bonaparte, uffiċjal żagħżugħ imma b'ambizzjonijiet kbar, waqfet Malta u talbet lill-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch li tingħata l-ilma. Kienet sitwazzjoni li minnha l-Gran Mastru ma tantx kellu minfejn joħroġ. Kien hemm wisq kavallieri mdaħħlin f'komplott mal-Franċiżi, u magħhom kien hemm ukoll numru ta' Maltin influwenti.[2]

Ġara li dawk 'il ftit li baqgħu leali lejn id-difiża ta' Malta[3] sabu ruħhom ittraduti u wara ftit ġranet, Malta kollha kienet taħt idejn il-Franċiżi, li ħaduha mingħajr wisq tbatija. Ma jfissirx li l-milizja Maltija ma offriet ebda reżistenza. Nafu per eżempju li wara li l-Franċiżi sbarkaw fil-Bajja ta' Marsaxlokk sar xi ġlied fiż-żona ta' Delimara u fil-viċinanzi u hemm mietu xi suldati Maltin. Fosthom kien hemm tliet Siġġiwin li ġew reġistrati fil-ktieb tal-mejtin tal-parroċċa tas-Siġġiewi fid-data tal-10 ta' Ġunju imma li kienu nsabu mejtin xi ġranet wara din id-data. L-iġsma tagħhom kellhom jiġu kkremati (maħruqa). Dawn it-tlitt irġiel mir-raħal tas-Siġġiewi kienu Nikol Caruana ta' 46 sena, Nikol Micallef ta' 35 sena u ż-żagħżugħ Toni Schembri ta' 18-il sena.[4]

Sal-Ħadd filgħaxija tal-jum tal-10 ta' Ġunju, l-invażuri Franċiżi kienu ħadu l-kampanja Maltija kollha barra l-irħula ta' Ħaż-Żebbuġ, il-Qrendi, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq u Ħad-Dingli.[5] Il-kap kmandant ta' dawn it-truppi Franċiżi, il-ġeneral Bonaparte, dam sitt ijiem hawn Malta u wara li ħareġ lista twila ta' ordnijiet u introduċa riformi ġodda fis-sistema u l-ħajja Maltija, telaq bl-armata tiegħu għall-Eġittu. Ħalla minfloku lill-ġeneral Vaubois li ħa f'idejh it-tmexxija tal-gżejjer Maltin – biċċa xogħol li għalkemm fil-bidu setgħet dehret li kellha tkun waħda faċli, il-fatti wrew li kellha tkun xort'oħra.

Il-gvern ġdid Franċiż kien waqqaf

Kummissjoni tal-Gvern li ltaqgħet fit-22 ta' Ġunju 1798 biex poġġiet fil-kariga l-membri tal-muniċipalitajiet ta' madwar il-port.[6] Ftit wara kien imiss il-membri ta' kull waħda mit-tmien muniċipalitajiet l-oħra ta' Malta[7] li ġew assenjati posthom fit-3 ta' Lulju 1798, b'dawk ta' Għawdex[8] jitpoġġew fil-kariga tagħhom jumejn wara.[9]

Għalhekk, meta l-gżejjer Maltin ġew maqsumin fi tnax-il muniċipju fit-13 ta' Ġunju, is-Siġġiewi, il-Qrendi u l-Imqabba ġew magħqudin f'muniċipju wieħed, imsejjaħ il-Muniċipju tas-Siġġiewi.[10]

Kull muniċipju jew canton kellu jitmexxa minn president, segretarju, numru ta' membri u mħallef tal-paċi. Il-miniċipju li fih kien hemm is-Siġġiewi kellu dawn l-uffiċjali: Dott. Michelangelo Azzopardi bħala president; Francesco Farrugia bħala segretarju; u l-membri Carmelo Saliba u Nicola Camilleri, ġentlomi mis-Siġġiewi, Simone Spiteri mill-Qrendi, u Giuseppe Magro mill-Imqabba.[11]

L-imħallef tal-paċi għal din il-muniċipalità kellu jkun Pietro Paulo Saliba li kien intgħażel waqt is-sessjoni tal-Kummissjoni tal-Gvern tal-25 ta' Ġunju 1798.[12] Madankollu, peress li l-Kummissarju Franċiż għal Malta, Regnaud de Saint-Jean d'Angely, ħass li ma kienx hemm biżżejjed avukati fil-lista ta' imħallfin tal-paċi, ħafna ġew mibdula inkluż dak tal-Muniċipalità tas-Siġġiewi. Għalhekk fid-19 ta' Lulju, fil-lista l-ġdida, għall-Muniċipalità tas-Siġġiewi deher l-isem ta' Giovanni Schembri.[13]

L-imħallfin tal-paċi fil-25 ta' Lulju ġew mogħtija d-doveri li fosthom kien hemm li jżommu l-kwiet fid-distrett tagħhom, u li jfittxu jarrestaw il-vagabondi u l-briganti u jippersegwitawhom saħansitra fl-għerien fejn kienu jgħammru.[14]

Għall-ewwel tliet xhur il-gvern Franċiż ħareġ ħafna liġijiet oħra biex jipprova jibdel il-ħajja f'Malta u l-poplu jibda jgħix fuq il-mudell ta' Franza Rivoluzzjonarja. Ħafna mill-liġijiet kienu interessanti u innovattivi. Madankollu għaddew liġijiet oħra li messew is-sentimenti reliġjużi tal-Maltin meta lleġislaw biex jindaħlu fil-ħajja tal-Knisja Kattolika f'Malta.[15] Liġijiet oħra kienu se jaffettwaw ħażin ħafna lill-poplu in ġenerali u l-Maltin għalhekk bdew jaraw futur x'aktarx imdallam għalihom u għal uliedhom. Il-qagħda kienet qed issir dejjem aktar imwiegħra ma' kull jum li kien għaddej.[16]

Minħabba dak kollu li kien qed jiġri fil-pajjiż konsegwenza tar-riformi u l-liġijiet ġodda li ddaħħlu, ħafna Maltin raw ħajjithom tinbidel f'ħakka t'għajn. Kien hemm fost il-popolazzjoni numru ta' Siġġiewin li esperjenzaw din il-bidla li issa kienet qed tinħass f'Malta. Tliet sorijiet li kienu jaħdmu fid-dar tal-kenn għal nisa fi bżonn ta' għajnuna morali ddedikata lil Sta Marija Madalena, li kienet tagħmel parti mill-kunvent tas-sorijiet taħt l-istess isem, fid-29 ta' Lulju 1798, intalbu, flimkien ma' xi sorijiet u residenti oħrajn, biex iħallu l-post biex dan isir sptar. Intalbu jmorru jgħixu mas-sorijiet ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Kif sabu ruħhom mingħajr post fejn joqogħdu, ħafna sorijiet u residenti ħassew li ma xtaqux jibqgħu fil-kunvent u riedu jmorru jgħixu ma' qrabathom jew għalihom. Il-gvern Franċiż ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.[17] Nafu però li l-Maltin ma ħadux pjaċir jaraw sorijiet jirrinunzjaw għall-vokazzjoni

taghhom u ma jibqghux sorijiet. Fost dawn ir-reliġjużi tal-Ordni ta' Sta Marija Madalena kien hemm it-tliet Siġġiwin Fortunata u Pelagia Ciantar (aħwa) u Franġiska Ciantar.[18]

F'kull muniċipalità l-ħakkiema l-ġodda bdew deħlin fil-ħajja ta' kuljum ta' l-abitanti. Urew biċ-ċar li issa kienu huma, il-Franċiżi, is-sidien il-ġodda tagħhom. U biex ma jitħalla ebda dubju, ingħatat l-ordni li jitkissru l-armi tal-gvern ta' qabel u flokhom titpoġġa l-arma tar-Repubblika Franċiża. Biss il-Maltin kienu issa bdew jiddarsu u s-sinjali li kienu bdew jitilfu l-paċenzja kienu bdew isiru dejjem aktar spissi. Fil-ġranet ta' wara l-14 ta' Lulju – il-Jum Nazzjonali li issa kien beda jiġi ċċelebrat f'din id-data – bdew jaslu rapporti lill-awtoritajiet ta' ġrajjiet inkwetanti għaż-żamma tal-ordni. Ġlied bejn Maltin u Franċiżi jew sostenituri tagħhom, serq ta' porvli minn postijiet taħt il-kontroll tal-militar, u disordnijiet oħra fil-kampanja. Il-Muniċipalità tas-Siġġiewi ntlaqtet ukoll minn dawn l-avvenimenti u fl-24 ta' Lulju 1798 din il-muniċipalità rrappurtat li xi nies kienu sgassaw wieħed miż-żewġ torrijiet għall-għassa tal-kosta u kaxkru l-porvli u l-armi li kien hemm.[19]

Dan l-inkwiet kien rifless ukoll fl-industrija tal-qoton li f'Malta kienet ferm importanti. Deher ċar li l-produtturi Maltin tal-qoton kienu qed jaħbu l-materja prima li kienet tinħadem mir-raħħala u li permezz ta' dan ix-xogħol kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom. Għaldaqstant il-gvern ħareġ ordni biex kull produttur tal-qoton jirrapporta fil-muniċipalità tiegħu kull ġimgħa dwar l-ammont ta' qoton maħdum u jagħti lista tal-impjegati tiegħu u l-pagi mħallsa. Kienet trid tkun indikata kwota ta' xogħol li trid tintlaħaq kull ġimgħa mill-produttur. Jekk il-kwota ma tintlaħaqx jew il-pagi stabiliti ma jitħallsux, il-produttur kien jeħel multa iebsa u jiġi kkonfiskat il-qoton tiegħu favur il-fqar tal-muniċipalità. Dan sar biex jiġu mgħejjuna l-fqar u fost l-ifqar residenti kien hemm numru kbir ta' tfajliet fil-Muniċipalitajiet tas-Siġġiewi u ż-Żejtun li kienu jaqilgħu x'jieklu permezz tal-insiġ u li kienu bdew ibatu l-ġuħ minħabba n-nuqqas ta' xogħol li kien hemm.[20]

## Ix-xrara li saret ħuġġieġa

Dan kollu, u sikkaturi oħra, żiedu t-tgergir u l-uġigħ li kompla jikber bis-serq li l-Franċiżi għamlu mill-knejjes li l-Maltin kienu mlew bir-rikkezzi bit-tbatija ta' xogħolhom. Dan qanqal l-għadab kontra l-ħakkiema tagħhom għaliex il-Maltin minn dejjem kienu żammew il-knejjes egħżeż mill-istess djar tagħhom. Kleru, nobbli u nies komuni, kulħadd ingidem b'xi waħda jew oħra mil-liġijiet u d-drawwiet ġodda li riedu jdaħħlu l-Franċiżi fi żmien hekk qasir ta' xahrejn. Għalhekk il-qiegħa kompliet tisħon ġmielha, u kull ma kien jonqos kien daqsxejn ta' xrara biex ir-rewwixta tfaqqa' u tinfirex. Din ix-xrara ma kinitx fil-bogħod. Kien nhar il-Ħadd, 2 ta' Settembru 1798, meta grupp ta' Franċiżi mibgħutin mis-superjuri tagħhom marru lejn ir-Rabat u l-Imdina biex jagħmlu rkant ta' l-oġġetti ta' valur li kienu jinsabu fil-kunventi u l-knejjes ta' dawk il-lokalitajiet. L-ewwel oġġetti li kellhom jiddawru fi flus kienu dawk tal-knisja tal-Franġiskani Minuri tar-Rabat. Qamet kommozzjoni kbira li wriet l-għadab tan-nies li nġabru quddiem il-knisja. Kif deher ċar lill-irkantaturi li dan l-irkant ma kienx se jseħħ, dawn dabbru rashom mill-bieb tal-ġenb.[21]

It-tieni tappa ta' l-irkantaturi kienet il-Knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina biex jirkantaw it-tapezzerija flimkien ma' rikkezzi oħra li kien hemm. In-nies dlonk telqu jiġru għal dik il-knisja u għamlu bl-ikrah għal dawk li kienu qed imissu t-tapezzerija. Xi ħadd beda jdoqq kemm jiflaħ il-qniepen, u n-nies inġabru fit-toroq ta' l-Imdin filwaqt li l-irkantaturi dabbru rashom u ħarbu 'l barra mill-Imdina.[22]

Malli nsema' d-daqq tal-qniepen, iż-Żebbuġin u s-Siġġiwin erħewla lejn l-Imdina biex jaraw x'kien qed jiġri u dan inkwieta ħafna lill-kmandant tal-gwarniġjon Franċiż fl-Imdina, il-Kaptan Lazzarre Masson, li ħass li kellu jinvestiga s-sitwazzjoni.[23] Mar fil-pjazza ta' San Pawl, ir-Rabat, akkumpanjat minn uffiċjal ieħor u suldat, u hemm beda jxejjer ix-xabla biex jipprova jbeżża' l-folla biex din tirritorna lejn id-dar. Imma dan l-għaġir kellu l-effett oppost. Mhux talli n-nies ma twerwrux, anzi qatlu lil wieħed mis-segwaċi ta' Masson u ġrew wara l-ieħor li, kif ra r-reazjoni tan-nies, qabad it-triq lura lejn l-Imdina bil-ġiri. Daħal fil-belt il-qadima u għalaq il-bieb prinċipali. Masson sab kenn fil-banka tan-Nutar Pietru Anton Bezzina.[24]

Il-poplu issa kien wasal fil-quċċata ta' l-eċċitament tiegħu. Kien laħaq il-limiti u ma kienx hemm mod kif iddawru lura. Masson issakkar fid-dar ta' Bezzina li kienet ħdejn il-Knisja tal-Franġiskani Minuri fir-Rabat. Wara li ġie persważ min-Nutar Bezzina biex ineħħi x-xabla, dan għamel hekk biex jipprova jikkalma l-folla fferoċjata. Bezzina fetaħ il-bieb u pprova jikkalma n-nies. Kollu kien għalxejn għax il-folla daħlet, qabżet fuq Masson, u waddbitu mill-gallarija għal isfel.[25]

Il-Maltin kienu issa ħaġa waħda. Ir-rewwixta tal-poplu kienet saret realtà u għalhekk issa riedu jittieħdu l-miżuri biex dak li nbeda fir-Rabat ikompli fil-kampanja kollha.

Intagħżel malajr bħala kmandant in-Nutar Manwel Vitale, u dan bagħat żewġ messaġġiera mal-kampanja kollha biex jinċitaw lil ħuthom biex jaqbdu l-armi. Lawrenz Bugeja, li kien is-segretarju ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp (u jumejn wara l-ħatra ta' Vitale bħala kap tal-Maltin, kien ukoll ntgħażel bħala segretarju tal-Assemblea Nazzjonali) bagħat ukoll lil ċertu Ġanni Catania mill-Mosta, li dak il-ħin kien qiegħed għandu, u qallu biex jgħid lin-Nutar Zarb minn Ħ'Attard biex iqassam l-armi li kien hemm fil-Palazz ta' Sant' Anton u jimblokka t-triq li mill-Belt tagħti għall-Imdina.[26]

Ir-raħal ta Ħ'Attard li hu tefa' ta' ġebla bogħod mill-Mosta, kien il-lok li minnu kellhom jgħaddu r-rinforzi Franċiżi li mill-Belt intbagħtu għall-Imdina, biex jgħinu lil sħabhom li nqabdu fil-belt il-qadima ta' Malta. Hemmhekk saret taqtigħa oħra, li fiha l-Mostin kellhom l-ikbar sehem. Hekk kiteb l-imsemmi Ràbti Lawrenz Bugeja, "In-Nutar Zarb ta' Ħ'Attard, sejjaħ biex jiltaqgħu xi ftit mill-irħula tal-qrib, l-iktar fil-Mosta u waqqaf malajr battaljun ta' 500 bniedem, u f'dik il-lejla qassamhom fuq il-bjut għamla ta' trunċiera u wkoll wara l-ħitan. Lil dawk li ma kellhomx armi, tahom il-ġebel sabiex x'ħin l-imsemmija għajnuna tkun għaddejja minn Ħ'Attard għall-Imdina, il-Maltin kienu jistgħu jagħmlu ġlieda mal-Franċiżi."[27]

Kollox kien ippjanat tajjeb. Ċensu Borg (Braret) kien poġġa rġiel għassa

fuq il-kampnar tal-knisja ta' Birkirkara minn fejn raw it-truppi Franċiżi resqin lejhom u taw is-sinjal. Il-Franċiżi kienu telgħin mit-triq li mill-Ħamrun tal-lum tieħu għall-Imrieħel. Waslu ħdejn l-arkati ta' l-akwedott ta' Wignacourt – viċin fejn illum hemm il-Birrerija ta' Farsons – u hemm il-Maltin attakkawhom. Sabu hemm kontinġent magħmul minn truppi minn Birkirkara, il-Mosta u Ħal Qormi li kienu ilhom jgħassu l-post mil-lejl ta' qabel. Attakkawhom bl-għoxrin xkubetta maqbuda mingħand it-truppi Franċiżi li kienu stazzjonati fil-Bajja ta' San Ġorġ. Il-Maltin l-oħra kellhom jużaw dak li sabu u għalhekk issottaw lill-għadu b'xita ta' ġebel u oġġetti oħra iebsa. Dan l-assalt ħarbat lill-Franċiżi li bejn li raw li ma kellhomx fejn jistkennu u bejn li wħud minn sħabhom kienu jew inqatlu jew ġew feruti, irtiraw lejn il-kenn tal-bliet magħluqa tal-Furjana u l-Belt Valletta. Il-Maltin f'din il-ġlieda tilfu żewġt irġiel.[28]

Sadattant il-Maltin kienu wkoll ħabtu għall-belt tal-Imdina u minn bieb li kienu jafu bih huma, imma mhux il-Franċiżi, daħlu ġewwa l-belt il-qadima ta' Malta. Il-Franċiżi kienu ingħalqu hemm, imma kif raw li l-Maltin kienu daħluhom, cedew. Fil-mument li dawn kienu qed jgħaddu l-imfietaħ tal-bieb tal-belt lill-Maltin xi suldati moħbija wara l-parapett ta' fuq dan l-istess bieb sparaw fuq il-kontinġent Malti u qatlu erbgħa u ferew numru ieħor. Fost il-feruti kien hemm żewġ Siġġiwin – Mikiel Bartolo ta' 30 sena li miet xi ħames xhur wara (fit-22 ta' Frar 1799), u Mikiel Farrugia ta' 25 sean li miet xi tliet ġimgħat aktar tard (fid-19 ta' Settembru 1798) minħabba l-feriti li ġarrbu.[29]

Il-Franċiżi ngħalqu wara s-swar tal-ibliet iffortifikati tal-port ta' Malta, u fl-4 ta' Settembru saret l-ewwel Assemblea Nazzjonali tal-Maltin, li kienet forma ta' gvern li kellu jikkoordina kif kellha titmexxa u tirnexxi l-gwerra, li issa huma kienu bdew kontra l-għedewwa Franċiżi, u biex imexxu lill-Maltin tal-kampanja. Bħala ġunta biex tmexxi l-kampanja militari ġew identifikati erba' persuni. Intgħażel b'akklamazzjoni ġenerali n-Nutar Manwel Vitale bħala kmandant suprem tal-forzi Maltin u l-Konti Salvu Manduca, il-Markiż Vinċenz DePiro u l-Konti Ferdinandu Theuma Castelletti ġew eletti biex jgħinuh. Din kienet il-forma ta' gvern li l-Maltin waqqfu għall-popolazzjoni tal-kampanja.[30] Mal-gvern twaqqfet ukoll l-armata Maltija magħmula minn battaljuni mill-irħula kollha. Dawn kellhom jiddefendu qagħdiet strateġiċi madwar il-fortifikazzjonijiet li kienu okkupati mill-Franċiżi.

Il-battaljun li fih kien hemm l-irġiel tas-Siġġiewi kien iħaddan fih ukoll l-irġiel ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-battaljun kien taħt il-kmand tal-Kanonku Franiġisk Saverju Caruana. Il-pożizzjoni li kellhom jiddefendu u li minnha kellhom jattakkaw lill-għadu kienet dik tal-Għolja Tas-Samra (li illum tagħmel parti mill-Ħamrun) u hemm waqqfu l-kamp tagħhom. Billi dan il-kamp kien l-aktar wieħed viċin il-qagħdiet Franċiżi, u kien għalhekk l-aktar wieħed vulnerabbli, inħass li kien ukoll l-aktar wieħed importanti. Kien iħares fuq il-Bieb tal-Bombi u minn hemm il-battaljun taż-Żebbuġin u s-Siġġiewin kien jispara fuq is-swar tal-Furjana b'xi kanuni li tnejn minnhom kienu ngabu minn Kemmuna minn xi Karkariżi. Fuq l-argument li Tas-Samra kien tal-ogħla importanza, il-Kan. Caruana u n-nies tiegħu ppretendew li hu kellu jkun il-

kap kmandant tal-Maltin. Din il-pretenzjoni xi kultant kienet twassal għal nuqqas ta' ftehim bejn il-Maltin imma qatt ma wasslet biex tpoġġi fil-periklu l-interessi nazzjonali. In-nies ta' Caruana ħadmu ħafna f'dak il-kamp biex ifixklu kull attakk li seta' jiġi mill-Furjana.[31]

Il-qawmien tal-Maltin kien issa ħaġa ċerta. Kollox kien beda jiġi organizzat u l-battaljuni ta' l-irħula ntefgħu għal din il-biċċa xogħol iebsa li jkeċċu lill-Franċiżi minn Malta. Intalbet għajnuna mir-Renju taż-żewg Sqallijiet u mill-allejati tiegħu u din bdiet tasal taħt xi forma jew oħra. Kollox kien jgħin imma l-piż prinċipali u l-aktar tqil intefa' fuq spallejn il-Maltin li kellhom ibagħtu l-ġuħ, il-mewt u kull xorta ta' tbatija oħra matul sentejn ta' ġlied. Madankollu l-Maltin għamlu dan għalihom infushom u mhux għal xi qawwa oħra u għalhekk xi ftit jew wisq għamlu kuraġġ għal din il-kawża li rawha ħajja jew mewt għall-futur tagħhom.

Kien hemm numru ta' taqbidiet li fihom il-Maltin sfaw vittmi tan-nar tal-għadu. L-irġiel tas-Siġġiewi wkoll batew f'dan il-ġlied. Ngħidu aħna meta falla l-komplott tal-Maltin ġewwa l-Belt Valletta mmexxi minn Dun Mikiel Xerri u sħabu, imma li l-Maltin ta' barra s-swar kienu għadhom ma jafux x'kien ġara, il-kmandant il-ġeneral Vaubois ordna li jiġi sparat salut għax fl-istess żmien kien daħal xini minn Ġenova li kien ġab miegħu xi għajnuna għall-Franċiżi. Il-Maltin, meta semgħu l-isparar, jista' jkun li ħasbu li l-kumplott kien irnexxa, għax xi suldati Maltin resqu viċin is-swar tal-Kottonera. Il-Franċiżi sparaw fuqhom u qatlu numru minnhom. Fost il-mejtin kien hemm Ġużeppi Vassallo, raġel ta' 30 sena mis-Siġġiewi.[32]

Mal-medda taż-żmien il-Maltin biddlu l-forma tal-gvern li kienu ħolqu għat-tmexxija tal-kampajna u f'laqgħa li saret fil-11 ta' Frar 1799, taħt il-presidentza tal-Kaptan Alexander Ball, inbidlet il-forma tat-tmexxija. Twaqqaf hekk il-Kungress Malti u f'xi żmien bejn il-11 u t-18 ta' Frar saret elezzjoni biex jintgħażlu r-rappreżentanti tal-poplu fuq dan il-Kungress. Skond il-lista tad-deputati għall-ewwel laqgħa tat-18 ta' Frar, is-Siġġiewi kellha jirrappreżentaha lill-Kappillan Dun Salv Corso. Jidher li xi xahar wara kien intgħażel ukoll Dun Lawrenz Saliba li ssejjaħ bħala "Capo di Casal Siggieui". Dan Dun Lawrenz jidher li kien issostitwixxa lill-Kappillan tas-Siġġiewi għal xi żmien imma aktar 'l quddiem irreżenja, u reġa' ħa postu l-Kappillan Corso.[33]

Il-Kungress studja l-qagħda tal-battaljuni u kemm kienu qed jaqdu dmirhom sew. Sabu li ħafna kienu qed idabbru rashom minħabba li bdew jaqtgħu qalbhom, kienu qed isofru minn nuqqas ta' ikel u ħwejjeġ, u kellhom pagi baxxi. Għaldaqstant ġew mogħtija ordnijiet biex kull kamp li kien imwaqqaf biex jgħasses kontra l-qagħdiet Franċiżi jkollu gwarniċjon permanente adegwat. Kull raħal tpoġġietlu kwota ta' suldati li kellu jimpenja f'dawn il-kampijiet. Is-Siġġiewi ġie għalhekk obbigat jibgħat 90 suldat għall-kamp ta' San Ġużepp (li kien jinsab fejn illum hemm l-inħawi ta' Santa Venera u l-Ħamrun). Mas-Siġġiwin kellu jkun hemm 40 minn Ħal Għargħur, 42 minn Ħ'Attard, 34 minn Ħal Balzan u 42 minn Ħal Lija.[34]

Tifħir li qalgħu s-Siġġiwin mingħand il-Kaptan Ball kien minħabba inizjattiva li l-villaġġ ħa biex itaffi l-problema tal-iskarsezza tal-ikel. Fil-fatt Ball, waqt il-laqgħa tal-Kungress tas-27 ta' Marzu 1799, faħħar lin-nies tas-Siġġiewi, taż-Żejtnu, ta' Ħal Għaxaq u tal-Gudja għax dawn ġiethom l-idea li jibagħtu żewġ delegati tagħhom Palermo biex iġibu permess mingħand ir-Re ta' Napli – li Malta kienet tagħmel parti mir-renju tiegħu – biex ikunu jistgħu jixtru qamħ fuq kreditu. Huma ntrabtu li l-ħlas kellu jsir erba' xhur wara u poġġew bħala garanzija dak kollu li r-residenti ta' dawn l-irħula kellhom. Irnexxilhom iġibu 4000 salma ta' qamħ u 2000 salma ta' ħafur. Ball beżbeż lill-irħula l-oħra li ma kinux ħarġu b'inizjattivi bħal din u stedinhom biex huma wkoll jieħdu minn dan l-ikel sakemm kull raħal iħallas għal dak li jieħu u jpoġġi garanzija għad-dejn li daħal għalih.[35]

Kienu s-Siġġiwin ukoll, madankollu, li għamlu atti kontra l-liġi li għalihom ġew imwissija. Jidher li l-faqar tant kien kbir li ħadd ma seta' jħallas d-djun li kellu. Is-serq kien qed isir xi ħaġa aktar frekwenti u oġġett li kien qed jinsteraq ta' spiss kien l-injam li kien jintuża għall-ħatab. Jidher li l-Buskett, li fi żmien il-Kavallieri kien mgħasses ħafna, kien waqa' vittma għal dawk li riedu jsibu l-ħatab bla flus – fi żmien meta l-għaks u l-faqar kienu mifruxin ħafna. Il-Kaptan Ball ħareġ bandu fit-30 ta' April iwissu li dawk li jinqabdu jisirqu mill-Buskett kienu se jiġu eżiljati minn Malta. Il-bandu nqara biss fl-Imdina, ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi, u għalhekk jagħtik x'tifhem li kienu nies minn dawn il-lokalitajiet li kellhom x'jaqsmu ma' dan il-qtugħ ta' siġar mingħajr permess.[36]

Il-ġlied kompla u t-tbatija ma naqsitx. Batew il-Maltin imma mhux inqas il-Franċiżi. Bl-għajnuna barranija li ġabu l-Maltin u bil-kuraġġ li kellhom, komplew jitqabdu sakemm fit-2 ta' Settembru 1800 il-ġeneral Vaubois laqqa' l-Kunsill tal-Gwerra tiegħu u ħabbar li sa ġimgħa wara fl-ibliet kull ikel kien se jkun spiċċa. Għalhekk il-Kunsill ra li t-telfa issa kienet inevitabbli.

Il-Maltin kienu rebħu għax il-Franċiżi ċedew l-armi u kellhom jitilqu minn Malta.

Fil-ġurnata tal-kapitulazzjoni l-battaljuni tal-irħula kienu jgħoddu 2,505 suldati bejnithom. Il-battaljun tas-Siġġiewi kien kompost minn 10 surġenti, 10 kapurali, u 122 suldat sempliċi għal total ta' 142 b'kollox. Il-kap tal-battaljun tas-Siġġiewi kien Gejtanu Balzan li kien ukoll it-teżorier fil-kamp ta' San Ġużepp fejn kienu stazzjonati s-Siġġiwin. Wara li tkeċċew il-Franċiżi, dan Balzan, fl-1 ta' Jannar 1801 inagħta l-grad ta' kaptan fil-milizja Maltija li kienet għadha kif twaqqfet, pożizzjoni li żamm għal 16-il sena sħaħ. Dan l-istess Balzan kien ukoll l-ajjutant tal-pulizija għall-irħula tas-Siġġiewi, il-Qrendi u l-Imqabba bejn l-1814 u l-1816 għal liema servizz ma kienx jitħallas. Fl-1817 madankollu ġie mogħti pensjoni żgħira meta tilef id-dawl.[37]

Dan kien ftit minn dak li għaddew minnu n-nies tar-raħal tas-Siġġiewi matul is-sentejn ta' okkupazzjoni u ġlied (1798-1800), perjodu iebes għall-Maltin kollha, imma żmien ta' erojiżmu u patriottiżmu li baqa' minqux fl-istorja

## Referenzi

[1] Għal studju dettaljat imma konċiż ta' dan l-aħħar żmien ta' l-Ordni f'Malta ara per eżempju, A.P. Vella, Storja ta' Malta, ii (Malta, 1979), 179-213.
[2] Għad-dettalji dwar dawn l-intriċċi u dak li għandu x'jaqsam mal-pjanijiet tal-Franċiżi biex jieħdu lil Malta, ara per eżempju, F. Sammut, Bonaparti f'Malta (Malta, 1997); C. Testa, The French in Malta 1798-1800 (Malta, 1997).
[3] Barone Azopardi, Giornale della Presa di Malta e Gozo dalla Repubblica Francese e della susseguente Rivoluzione della Campagna (Malta, 1836),. 10.
[4] Testa (1997), 49.
[5] Ibid., 59.
[6] Il-Muniċipalità tal-Punent (il-Belt Valletta u l-Furjana) u l-Muniċipalità tal-Lvant (Bormla, il-Birgu u l-Isla).
[7] Il-muniċipalitajiet kienu: il-Muniċipalità ta' l-Imdina (l-Imdina, ir-Rabat u Ħad-Dingli); il-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ; il-Muniċipalità ta' Ħal Qormi jew Casal Fornaro (Ħal Qormi u Ħal Luqa); il-Muniċipalità tan-Naxxar (in-Naxxar, il-Mosta u Ħal Għargħur); il-Muniċipalità ta' Birkirkara (Birkirkara, Ħal Lija, Ħal Balzan u Ħ'Attard); il-Muniċipalità tas-Siġġiewi (is-Siġġiewi, il-Qrendi u l-Imqabba); il-Muni_ipalità taż-Żejtun (i_-Żejtun, Ħaż-Żabbar, Ħal Għaxaq u Ħal Tarxien); u l-Muniċipalità taż-Żurrieq (iż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Gudja).
[8] Il-Muniċipalità tar-Rabat (ir-Rabat, l-Għarb, is-Sannat, u x-Xewkija) u l-Muniċipalità tax-Xagħra (ix-Xagħra, iż-Żebbuġ u n-Nadur).
[9] Testa (1997), 174.
[10] AOM 6523, vol. I, f.72; Testa (1997), 175.
[11] Testa (1997), 175.
[12] Ibid., 179.
[13] Ibid., 193.
[14] H.P. Scicluna, Actes st documents pour server a l'histoire de l'occupation francaise de Malte pendant les annees 1798-1800 (Malta, 1923), 227, 267.
[15] Ara per eżempju, Sammut, 145-6.
[16] Għal stampa dettaljata ta' l-ewwel tliet xhur tal-ħakma Franċiża, ara per eżempju, C. Testa, Maż-żewġ naħat tas-swar: żmien il-Franċiżi f'Malta, i (Malta, 1979).
[17] Testa (1997), 184.
[18] Ibid., 191, nota 35.
[19] Ibid., 231.
[20] Ibid., 233.
[21] Testa (1997), 259.
[22] W.L. Zammit, Fir-Rabat ta' Malta 1798-1800 (Malta, 1998), 12.
[23] Testa (1997), 260.
[24] J. Galea, Il-ħakma Franċiża f'Malta (Malta, 1948), 82.
[25] Testa (1997), 200-1; Zammit (1998), 12-3.
[26] E.B. Vella et al., Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha (Malta, 1972), 108.
[27] Ibid, 108; G. Cassar u J.G.M. Borg, Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda Tagħhom matul iż-żminijiet (Malta, 2007), 113.
[28] Testa (1997), 274.
[29] Ibid., 276, nota 3.
[30] W.L. Zammit, Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800 (Malta, 1999), 1.
[31] Testa (1997), 287.
[32] Ibid., 509, nota 5.
[33] Zammit (1999), 3, 71.
[34] Testa (1997), 587.
[35] Ibid., 586.
[36] Ibid., 621.
[37] Ibid., 832, nota 20.